**Newsletter Numru 2**

Ġunju 2014

ENTREE
ENhancing Teacher REsilience in Europe


info@entree-project.eu

www.entree-project.eu


## Il-homepage ta' ENTREE onlajn

www.entree-project.eu

Is-sit tal-proġett qiegħed onlajn! Issa tista' ssib informazzjoni fuq ENTREE u fuq dak li qiegħed iseħħ bħalissa fil-proġett fuq www.entree-project.eu. L-għan tas-sit huwa li tingħata informazzjoni fuq il-proġett u fuq it-tim ta' ENTREE, u kull min jidħol fis-sit ikun jista' jaċċessa varjetà wiesgħa ta' materjal li ġie żviluppat għal dan il-proġett. Is-sit ġie ddisinjat biex jakkomoda varjetà ta' materjal li jinkludi dokumenti u publikazzjonijiet, biblijografija annotata fuq ir-riċerka dwar ir-reżiljenza tal-għalliema, għodda ta' valutazzjoni onlajn, korsijiet onlajn, u webinars.

Is-sit jipprovdi informazzjoni bażika għat-target groups tal-proġett. L-għan kien li jiġi ddisinjat stil li jkun attraenti u ta' motivazzjoni għall-għalliema żgħar li  jkunu qegħdin jaċċessaw l-informazzjoni dwar il-proġett. L-informazzjoni kollha hija aċċessibli f'ħames lingwi differenti: bl-Ingliż, bil-Ġermaniż, bil-Portugiż, bil-Malti, u biċ-Ċek.

Min jidħol fil-websajt ikun jista' jirreġistra u jabbona għall-aħbarijiet tal-proġett sabiex ikun infurmat fuq xi avvenimenti u jirċievi aġġornamenti regolari fuq il-proġett.




Min jirreġistra se jkun jista' jaċċessa l-materjal għat-tagħlim hekk kif dan ikun disponibbli.  Min jidħol fis-sit se jsib ukoll links utli li huma relatati mal-proġett. Il-kapitlu fuq il-letteratura relevanti għall-proġett jinkludi biblijografija annotata dwar ir-reżiljenza tal-għalliema.

L-iżvilupp tas-sit tal-proġett se jkompli jipprovdi iktar informazzjoni u għażliet għal min ikun qed jagħmel użu minnu.

## ENTREE fil-Konferenza Internazzjonali fuq il-Motivazzjoni f'Helsinki 2014

Il-Konferenza Internazzjonali dwar il-Motivazzjoni (The International Conference on Motivation) (ICM) kienet organizzata minn EARLI (European Association for Research on Learning and Instruction) SIG 8 flimkien mal-Università ta' Helsinki.

PASSION TO LEARN
International Conference on Motivation 2014

Il-konferenza tipprovdi opportunità biex tiġi diskussa riċerka dwar il-motivazzjoni u kundizzjonijiet personali u kuntestwali fi proċessi tal-motivazzjoni. Madwar 200 riċerkatur minn madwar id-dinja pparteċipaw fil-konferenza.  Wara t-tradizzjoni li ġiet stabbilita f'Landau (2006) u li kompliet f'Turku (2008), Porto (2010), u Frankfurt (2012), l-ICM 2014 ġiet ippreċeduta bi skola tas-sajf għal riċerkaturi żgħar interessati f'oqsma relatati mal-motivazzjoni  u l-emozzjoni.

Prof. Marold Wosnitza, il-koordinatur ta' ENTREE, u t-tim tiegħu ppreżentaw il-proġett fis-symposium

'Affective and Motivational Aspects of Teachers' Work'. Is-symposium kien ippresedut mill-organizzatur, Dr. Susan Beltman minn Curtin University (Awstralja) – waħda mill-imsieħba minn pajjiż terz ta' ENTREE – u l-kelliem kien Prof. Francisco Peixoto (ISPA), il-kap tal-proġett tat-tim Portugiż ta' ENTREE. Il-parteċipanti tas-symposium kienu interessati ħafna fil-proġett u wara l-preżentazzjoni nħolqot diskussjoni vivaċi fuq kunċetti u pjanijiet għall-futur.

## Laqgħa dwar ENTREE fi Praga 2014

It-tieni Partner Meeting fi Praga sar f'April. Il-grupp iddiskuta d-disinn finali tas-sit tal-proġett. Ġiet diskussa wkoll l-għodda ta' valutazzjoni li persuna tagħmel tagħha nnifisha. Il-pre-test tat-Teacher Resilience Self Assessment se jkun lest fl-aħħar t'Awwissu, sabiex l-għodda mbagħad tkun aċċessibli għall-pubbliku fuq www.entree-project.eu.



Suġġett ieħor importanti kienet il-Biblijografija Annotata, li kienet estiża b'artikli minn ġurnali mill-imsieħba kollha. Il-Biblijografija Annotata kompluta ta' ENTREE se tkun aċċessibli mill-paġna reġistrata tal-homepage. Fuq is-sit hemm ukoll għażla ta' artikli.

## Links għal proġetti internazzjonali: BRiTE (Building resilience in teacher education) Australia

Bħall-proġett ENTREE, il-proġett BRiTE (Awstralja) jibni fuq il-proġett Keeping Cool (2009–2012). BRiTE huwa proġett kollaborattiv bejn 3 universitajiet Awstraljani (Murdoch University, Curtin University u l-Università ta' Wollongong) li qed jiżviluppa 5 moduli onlajn biex għalliema li għadhom qed jiġu mħarrġa jkunu appoġġjati biex jiżviluppaw ir-reżiljenza tagħhom għall-professjoni. Il-moduli jinkludu 'Kif Tiżviluppa r-Reżiljenza', 'Ir-Relazzjonijiet', 'Il-Wellbeing', 'It-Tagħlim tal-Ħiliet' u 'L-Emozzjonijiet'. Kull modulu huwa personalizzat, interattiv, ibbażat fuq il-letteratura u relatat mal-professjoni. Bħalissa l-moduli qegħdin f'fażi ta' prova u se jkunu aċċessibli fuq is-sit www.brite.edu.au.

### It-tim tal-proġett

Dr. Caroline Mansfield (Murdoch University)
Dr. Susan Beltman (Curtin University)
Dr. Tania Broadley (Curtin University)
Dr. Noelene Weatherby-Fell (Università ta' Wollongong)

Lifelong Learning Programme

Dan il-proġett ġie finanzjat bl-għajnuna tal-Kummissjoni Ewropea.

Parceiros do projecto